MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 436/2004

**KNK Air Conditioners Co Ltd**

**vs**

**Victor McKay**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta Frar 2004, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tliet mija u hamsa u disghin lira Maltija (LM395) rapprezentanti bilanc minn somma akbar in konnessjoni ma' bejgh u konsenja ta' air conditioner lill-konvenut accettanti li baqaa ma hallasx nonostante li sarulu diversi nterpellanzi f'dan is-sens;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tal-14 ta Novembru 2003 u taa ittra ufficjali datata 1 taa Dicembru 2003 oltre l-imghaxijiet legali mid-data tal-fatturi relattivi kontra l-konvenut, ingunt in subizzjoni;

Ra n-nota ta’ riduzzjoni prezentata mis-socjeta’ attrici fl-4 ta Frar 2005 fejn nizlet it-talba taghha ghal dik ta’ Lm100 b’riserva ghall-ispejjes gudizzjarji;

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-4 ta Marzu 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma rikjesta kif ridotta u cioe` fl-ammont ta mitt lira Maltija (Lm100) bl-imghaxijiet legali.dekorribbli mid-data ta’ din is-sentenza oltre li l-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------